MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 858/2011

**Marija Hollyoak**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi twieldet fil-31 ta' Ottubru 1985, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 5471 tal-1985 hawn mehmuż u mmarkat bħala Dok A;

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess attriċi sar żball fil-kolonna 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier' u fil-kolonna 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-omm' billi l-

kunjom tal-ġenituri tniżżel bħala ‘Hollyork’ minflok ‘Hollyoak’;

Illi l-kunjom ‘Hollyoak’ fil-fatt jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid ta’ missier l-attriċi li kopja tiegħu hija hawn mehmuża u mmarkata bħala Dok B, u anke miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-ġenituri tal-attriċi li kopja tiegħu hija hawn mehmuża u mmarkata bħala Dok C, u miċ-ċertifikat tal-magħmudija tal-attriċi stess, fejn minn kopja (hawn mehmuża u mmarkata bħala Dok D) jirriżulta l-kunjom ‘Hollyoak’;

Illi dan l-iżball ġie rifless ukoll fil-karta tal-identita’ tal-attriċi kif jirriżulta minn kopja tal-karta tal-identita’ hawn mehmuża u mmarkata bħala Dok E; fil-passaport tal-attriċi kif jirriżulta minn kopja tal-passaport hawn mehmuża u mmarkata bħala Dok F, u fil-liċenzja tas-sewqa tal-attriċi kif jirriżulta mill-kopja hawn mehmuża u mmarkata bħala Dok G.

Illi l-attriċi qegħda tagħmel din il-kawża skond Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, u għar-raġunijiet hawn fuq premessi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara li kunjom l-attriċi huwa ‘Hollyoak’ u mhux ‘Hollyork’ kif ser jirriżulta mill-provi;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha li għandu n-numru 5471 tal-1985 taħt is-sezzjoni ‘Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier’ minflok ‘Hollyork’ kif erronjament indikat jiġi sostitwit bil-kunjom ‘Hollyoak’, u l-istess taħt is-sezzjoni ‘Isem u kunjom u post tat-twelid tal-omm’ minflok ‘Hollyork’ kif erronjament indikat, jiġi sostitwit bil-kunjom ‘Hollyoak’.

3. Tordna illi din il-korrezzjoni tiġi riflessa f’kull att tal-istat ċivili relattiv għall-attriċi.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq riferit, rigward it-tieni talba, l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta' kunjom missier u omm ir-rikorrenti minn "Hollyork" għal "Hollyoak", salv però li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 5471/1985, u dan *stante* li kien proprju missier ir-rikorrenti Colin David li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tar-rikorrenti, u saħansitra ffirma l-istess att.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Illi, dejjem bla ebda preġudizzju għal-fuq imsemmi, sabiex it-tielet talba tkun tista' tintlaqa', ir-rikorrenti għandha, skont l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tal-attriċi;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Diċembru 2011 fejn il-kawza ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata billi jidher ċar li *si tratta* ta' żball fiċ-ċertifikat tat-twelid, probabbilment minħabba li kunjom l-attriċi ma tantx huwa komuni f'pajjiżna. Il-Qorti pero' ma tistax tilqa' t-tielet talba peress li ma ġewx speċifikati l-atti in kwistjoni (sub-inċiz 3 tal-Artikolu 253 fuq imsemmi)..

**Għaladqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------